MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2534/1997/1

**Carmelo sive Charles Sacco**

**Vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta’ Novembru 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur ghamel kuntratt ta’ appalt mas-socjeta` konvenuta u dan permezz ta’ ftehim ta’ l-14 ta’ April 1997 kif jirrizulta mill-kopja tal-ftehim annessa ma’ l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A;

Premess illi in segwitu ghal dan il-ftehim l-attur esegwixxa xoghlijiet ta’ kostruzzjoni f’ “Multi-Storey Complex” f’ Hal Luqa u fuq bini ta’ flats f’ Birzebbugia u liema xoghol hu deskritt fid-Dokumenti B u C annessi ma’ l-att tac-citazzjoni;

Premess illi ghal dan ix-xoghol illi l-attur ghamel fit-termini tal-ftehim hawn fuq imsemmi fadallu jiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta’ erbat elef seba’ mija u sebgha u tmenin lira Maltija (LM4787) li hu bilanc ta’ somma akbar li tirrizulta mill-kejl tax-xoghol kif deskritt fid-Dok. B u C;

Premess illi s-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont nonostante li giet interpellata anke ufficjalment mill-attur biex taghmel dan;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ erbat elef seba’ mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm4787) bilanc ta’ somma akbar kif hawn fuq imsemmi jew kull somma ohra verjuri akbar jew izghar li tista’ tigi stabbilita li hi dovuta occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Settembru 1997 kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fid-9 ta’ Lulju 1998 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur,

primarjament ghaliex l-attur kien ghal kollox inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt lilu moghti mis-socjeta` konvenuta, kemm ghal dak li jirrigwarda il-kwalita` tax-xoghol ezegwit mill-attur u kif ukoll ghal dak li jirrigwarda z-zmien u l-ezekuzzjoni kompluta ta' l-istess xoghlijiet, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi;

2. Illi, in oltre, is-socjeta` konvenuta soffriet ukoll danni ngenti b' kagun tax-xoghol hazin, nieqes minn kull sengha u arti, ezegwit mill-attur, u b' kagun ukoll tal-fatt illi l-istess attur abbanduna dan l-appalt minghajr ebda raguni valida u gustifikata;

3. Illi, barra minn hekk, l-attur huwa responsabbli wkoll illi jhallas penali lis-socjeta` konvenuta minhabba d-dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt lilu moghti, kif miftiehem fil-kuntratt ta' appalt iffirmat bejn il-kontendenti;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur f' din l-istanza huwa f' kull kaz eccessiv u ezagerat, u ma huwiex konformi mar-rati miftehma fil-kuntratt ta' appalt iffimat bejn il-kontendenti;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta' April 2002 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati mill-kontendenti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-attur qieghed jitlob permezz ta' l-azzjoni promossa minnu l-hlas tax-xoghol maghmul minnu. Fil-kaz prezenti bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta kien hemm rapport kontrattwali ta' sub-appalt datat 14 ta' April 1997 (fol. 5) li permezz tieghu kien gie miftiehem li l-attur kellu jaghmel certi xoghlijiet skond ir-rati prefissi ghal kull unita` tax-xoghol. Dawn ix-xoghlijiet kienu mahsuba li jsiru f' kumpless f' Hal Luqa u fi blokk ta' appartamenti f' B'Bugia;

Fl-Affidavit tieghu (fol. 34 u aktar tard dattilografat a fol. 40) l-attur jistqarr illi hu qed jippretendi hlas ghax-xoghol li hadem. Huwa jzid jiddikjara illi ma setax jissokta bit-tkomplija ta' l-ezekuzzjoni tas-sub-appalt ghaliex is-socjeta` konvenuta ma kinetx qeghda thallsu u billi kellu mpjegati x' ihallas huwa ma setax ikompli;

Is-socjeta` konvenuta tiddifendi ruhha kontra din il-pretensjoni ta' l-attur billi tallega l-inadempjenza dwar il-kwalita` tax-xoghol u l-inkompletar tal-kuntratt. Tikkontendi wkoll permezz ta' eccezzjonijiet ohra illi sofriet danni minhabba xoghol hazin u abbandun tas-sub-appalt, oltre li ssostni wkoll illi l-ammont reklamat hu ezagerat u mhux konformi mar-rati stabbiliti. Tavvanza wkoll bhala raguni ohra tal-kontestazzjoni taghha l-fatt tal-penali ghad-dewmien;

In raguni ghall-posizzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta x-xhud Carmelo Penza jispjega fl-Affidavit tieghu (fol. 48) illi l-kontroversja principali ma' l-attur kienet tikkoncerna l-interpretazzjoni li kellha tigi akkordata lil dik il-parti tax-xoghol riferibilment ghal "*concrete bases to columns*". Huwa jinsisti illi r-rata ta' lira u hamsin centezmu *per cubic foot* kellha fil-fehma tieghu tinkludi wkoll il-fornitura da parte ta' l-attur tal-materjal ossija tal-konkos imhallat u lest. F' dan il-kuntest jafferma illi meta sab li s-socjeta` tieghu kellha tissupplixxi wkoll il-konkos huwa rrinfaccja lill-attur li ma kienx lest li jhallas bir-rata kontrattwali izda bil-prezz ta' hamsa u ghoxrin centezmu l-pied jimxi;

Fuq dan il-punt l-attur jirreplika illi r-rata applikabbli ma kinetx rizervata wkoll ghall-fornitura minnu tal-konkos izda biss ghal lavorazzjoni. Huwa jikkontendi illi x-xoghol ma kienx jikkonsisti filli sempliciment tintela hofra bil-konkos izda l-uzu tal-*crane* tieghu biex iwassal il-konkos f’ fond ta’ erba’ sulari, jqeghdu fil-bazi, jistwardja l-kolonni u jinvellahom (fol. 61). F’ dan hu korroborat mix-xhieda tal-Perit Joseph Grech li kien prezenti fuq il-lant tax-xoghol. Kontro-ezaminat, huwa spjega li x-xoghol kien qed isir bil-*crane* u ntuza wkoll ix-*shutter* ghal kolonni. Bhala fatt ukoll irrizulta illi kienet is-socjeta` konvenuta li ssupplixxiet il-konkos;

Is-socjeta` konvenuta taddebita wkoll mhux biss din id-diskordanza dwar x’ rata kellha tkun applikabbli ghall-unita` tax-xoghol fuq specifikata izda wkoll li meta giet biex tkompli x-xoghol sabet li certu xoghol sar hazin u ghalhekk inkorriet danni konsistenti essenzjalment fir-rettifikazzjonijiet li kellhom isiru biex ix-xoghol jerga’ jsir fir-rigward ta’ xi pilastri;

Dan premess, jigi osservat illi f’ kazijiet ta’ appalti jew sub-appalti, mill-esperjenza komuni, l-argomenti spiss jinqalghu ghaliex il-partijiet ma jkunux ftehmu sew dwar it-termini precizi tal-ftehim, il-kwalita` tax-xoghol u x’ kellu jkun kompriz ezattament fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt jew sub-appalt; ossija jekk hux il-*mano d’ opera* biss jew ukoll il-materjal;

F’ dan il-kaz jidher li t-tilwima nqalghet wara li s-socjeta` konvenuta kienet gja forniet il-konkos u ppretendiet imbaghad ghal finijiet tal-hlas illi kellha tigi applikata rata ridotta. Pretensjoni din illi, kieku wiehed kellu jaccetta x-xhieda tal-Perit Joseph Grech li s-socjeta` konvenuta qatt ma gharfitu li ma kinetx qed taqbel mal-kont (fol. 29), giet sollevata biss meta s-socjeta` konvenuta giet azzjonata ghal hlas. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-pretensjoni ma tistax titqies wahda legittima. Anzi turi li l-iskop tas-socjeta` konvenuta hu dak li b’ kull mezz possibbli ta’

difiza ggib fix-xejn id-domanda ta’ l-attur. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti ma tonqosx li tinnota illi s-socjeta` konvenuta mhux biss ma ressqet l-ebda kontro-talba izda wkoll ghaliex l-istess socjeta` tidher li accettat id-decizjoni ta’ l-attur li ma jkomplix ix-xoghol;

Proprju fuq dan l-ahhar aspett irid jinghad illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta, mhux kontrastat, illi l-atteggjament tas-socjeta` konvenuta li baqghet ma hallsitx lill-attur biex dan seta’ jkun in grad li jkompli x-xoghol lilu kommissjonat kien tali li wassal lill-attur f’ posizzjoni li ma setax ikompli l-ezekuzzjoni tas-sub-appalt;

F’ cirkostanzi konsimili jista’ allura jinghad illi, ghalkemm kien l-attur li ma kompliex bix-xoghlijiet, kienet effettivament is-socjeta` konvenuta li wasslet lill-attur biex jaghmel dan u b’ dan il-mod kienet virtwalment u guridikament is-socjeta` konvenuta li xoljiet il-kuntratt tas-sub-appalt. Kif drabi ohra gie ritenut “l-appaltant li jqieghed lill-appaltatur f’ posizzjoni li dan ma jkunx jista’ jesegwixxi l-kuntratt ikun qieghed ixolji l-kuntratt ta’ l-appalt daqs kemm kieku jkun kecca lill-appaltatur” (**Kollez. Vol. XLVI P I p 443**);

Accettata din il-preposizzjoni, ex-Artikolu 1640 (1) tal-Kodici Civili s-socjeta` konvenuta setghet tittermina l-kuntratt allavolja x-xoghol kien gja beda mill-attur. Fuq il-bazi ta’ l-atti processwali din il-Qorti ma jidhrilhiex illi di fronte ghall-attur gew pruvati nuqqasijiet tali li setghu jintitolaw lis-socjeta` konvenuta tinvoka l-applikabilita` tas-subinciz (3) meta kienet aktar konsentita ghal kaz l-applikabilita` tas-subinciz (2) tal-precitat Artikolu;

Huwa fatt illi x-xoghlijiet kommissjonati ma tlestewx kollha ghax is-sub-appalt waqaf u ghalhekk bilfors kellu jkun hemm xoghol li ma sarx. Kif fuq espost dan il-waqfien ma sarx b’ xi htija ta’ l-attur, u allura din il-Qorti ma ssibx raguni fuq din il-bazi illi takkolji l-eccezzjoni ta’ l-inadempjenza minhabba l-allegata inkompletar tax-xoghlijiet;

Il-massima "*inademplenti non est ademplendum*", li tiswa wkoll f' materja ta' appalti jew sub-appalti, ma tistax f' dan il-kaz tigi nvokata mis-socjeta` konvenuta meta kienet hi stess inadempjenti ghax naqset li thallas u ppretendiet li kellha tigi applikata l-interpretazzjoni minnha akkordata lill-kuntratt fil-kaz ta' *item* specifiku tieghu, kif gja aktar 'il fuq spjegat;

Gie allegat ukoll mis-socjeta` konvenuta li l-attur naqas mill-obbligu li juza d-diligenza mehtiega skond l-arti u s-sengha fl-ezekuzzjoni tas-sub-appalt;

Indubbjament ma ghandux ghalfejn jigi sottolinejat anke ghaliex huwa bil-wisq elementari illi min jintrapprendi li jezegwixxi bicca xoghol hu obbligat jezegwixxi x-xoghol miftiehem skond is-sengha;

Issa f' dan il-kuntest is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi x-xoghol li sar mill-attur fil-kaz ta' xi pilastri ma sarx sew u hi kienet kostretta terga' taghmel l-istess xoghol.  Din il-kontenzjoni hi favorevolment sostenuta mill-Perit Joseph Grech li a propozitu jghid li kien hu li ordna li dawn il-pilastri jitkissru ghaliex ma kellhomx *concrete cover* sufficcjenti u l-hadid kien jidher;

Dan ix-xoghol hekk dikjarat li hu hazin ma giex imkejjel mill-imsemmi Perit u allura ma jiffigurax fl-istimi redatti minnu (esebiti a fol. 7 u 9 tal-process);

Fid-dottrina saret distinzjoni rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol.  Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita`, bhal ma hu proprju l-kaz *in ispecie*, l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk invece il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas.  Ara "**Carmelo sive Charles Mallia -vs- Ivan John Fonk**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975;

Ghandu jigi rilevat ukoll pero` illi fil-kaz prezenti s-socjeta` konvenuta lanqas ma setghet topponi l- “*exceptio non rite adempleti contractus*” ghad-domanda li saritilha ghall-hlas meta hi qabbdet u minn rajjaha ssoktat bix-xoghlijiet u dippju ma ressqet l-ebda kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni;

Fic-cirkostanzi s-socjeta` konvenuta tibqa’ responsabbli ghal pagament tax-xoghlijiet effettivament ezegwiti mill-attur, u li rrizultaw li kienu hekk ezegwiti tajjeb ghas-sodisfazzjoni ta’ l-Arkitett tal-klijent;

Il-Qorti, imbaghad, lanqas ma tikkonkorda mas-socjeta` konvenuta la dwar il-fatt tal-penali ghad-dewmien li dwarha, incidentalment, ma ingiebetx prova, u lanqas dwar l-allegata eccessivita tal-prezz. Il-Perit Grech jghid li l-valur tax-xoghol ezegwit stmat minnu kien bazat fuq ir-rati kontemplati fil-ftehim bejn il-kontendenti, kompriz allura wkoll ir-rata prefissa fil-kuntratt ghal “*concrete bases to columns*”. U dan ma setax fil-fehma ta’ din il-Qorti jkun mod iehor, gjaladarba kif espress fl-istess kuntratt ta’ ftehim ix-xoghlijiet assenjati lill-attur kienu “<u>fattura</u>”;

Kif ulterjorment spjegat mill-imsemmi Perit fejn fil-ftehim ma kinetx mahsuba rata ghal certu xoghol huwa applika rata li fil-fehma tieghu kienet dik idonea u gusta (Ara Affidavit tieghu a fol. 39). Dan jattalja ruhu mal-konswetudini f’ din il-materja in kwantu, kif pacifikament akkolt, meta l-partijiet fil-ftehim ma jkunux stabbilew il-prezz ta’ certu xoghol tigi segwita l-prattika kummercjali li l-partijiet jirrimettu ruhhom ghal prezz gust korrenti stabbilit mill-Arkitett jew minn espert tekniku (**Kollez. Vol. XXXIV P III p 837; Vol. XXVI P III p 547**);

L-attur qed jitlob somma inferjuri mill-valutazzjonijiet tal-perit ghaz-zewg xoghlijiet. In effetti huwa qed jitlob somma bilancjali. Dan anke ghaliex kif minnu stess accettat hu kien irceva bhala hlas xi ammonti zghar fil-kors tas-sub-appalt.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' d-domanda ta' l-attur billi tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma reklamata ta' erbat elef seba' mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm4787) bilanc ta' somma akbar ghax-xoghlijiet ezegwiti minnu kif lilu sub-appaltati mis-socjeta` konvenuta. Fuq dan l-ammont jiddekorri l-imghax b' effett mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 1997;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------